2025/2447

5.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2447

tal-4 ta' Diċembru 2025

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-miżuri u rekwiżiti oħra għall-istabbiliment u l-użu tas-sistema tal-IT deċentralizzata għall-ipproċessar u l-komunikazzjoni siguri tal-informazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22a(3) u l-Artikolu 22b(1), il-punti (a), (b), (c) u (d), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/1727 jistabbilixxi l-qafas għall-infrastruttura interna diġitali l-ġdida tal-Eurojust u l-istabbiliment ta' sistema ta' komunikazzjoni diġitali sigura deċentralizzata bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri u l-Eurojust.

(2) Il-komunikazzjoni diġitali sigura għandha titwettaq permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata. Sabiex tiġi stabbilita s-sistema tal-IT deċentralizzata, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi li jiddefinixxu l-metodi ta' komunikazzjoni u protokolli ta' komunikazzjoni, miżuri tekniċi li jiżguraw standards minimi ta' sigurtà tal-informazzjoni u sigurtà u objettivi ta' disponibbiltà minima għall-implimentazzjoni ta' dik is-sistema.

(3) F'konformità mal-Artikolu 22a(1) tar-Regolament (UE) 2018/1727, is-sistema tal-IT deċentralizzata għandha tkun magħmula minn sistemi tal-IT tal-Istati Membri u tal-Eurojust, u punti ta' aċċess e-CODEX interoperabbli li permezz tagħhom dawk is-sistemi tal-IT ikunu interkonnessi. Jenħtieġ li l-speċifikazzjonijiet tekniċi u r-rekwiżiti l-oħra tas-sistema tal-IT deċentralizzata stabbiliti f'dan ir-Regolament iqisu dak il-qafas.

(4) Il-punti ta' aċċess tas-sistema tal-IT deċentralizzata jenħtieġ li jkunu bbażati fuq punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati kif definiti fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(5) Is-sistema tal-IT deċentralizzata hija implimentata fi ħdan sistema tal-IT deċentralizzata akbar ibbażata fuq e-CODEX imsejħa s-Sistema ta' Skambju Diġitali tal-Ġustizzja (Justice Digital Exchange System, JUDEX). Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi żgurat skambju effettiv ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi orizzontali.

(6) F'konformità mal-Artikolu 22a(4) tar-Regolament (UE) 2018/1727, l-Istati Membri u l-Eurojust jistgħu jagħżlu li jużaw is-software ta' implimentazzjoni ta' referenza żviluppat mill-Kummissjoni bħala s-sistema back-end tagħhom minflok sistema tal-IT nazzjonali. Sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà, kemm is-sistemi tal-IT nazzjonali kif ukoll is-software ta' implimentazzjoni ta' referenza jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-istess speċifikazzjonijiet u rekwiżiti tekniċi.

(7) Id-*data* relatata ma' reati terroristiċi u kriminalità organizzata serja jenħtieġ li tiġi trażmessa b'mod strutturat biex jittejbu l-kwalità u r-rilevanza tal-informazzjoni, kif ukoll biex jiġi żgurat li l-informazzjoni tkun tista' tiġi integrata b'mod aktar effiċjenti fis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-Eurojust u tiġi kontroverifikata aħjar mal-informazzjoni diġà maħżuna f'dik is-sistema. Għal *data* tal-marki tas-swaba' u ritratti, li jistgħu jiġu trażmessi lill-Eurojust għall-fini tal-identifikazzjoni ta' individwi soġġetti għal proċedimenti kriminali relatati ma' reati terroristiċi, il-format u l-istandards tekniċi għat-trażmissjoni jenħtieġ li jiġu definiti.

([1]) ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1727/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku transfruntier ta' *data* fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 150, 1.6.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/850/oj).

(8) L-Eurojust tiffaċilita u tappoġġa l-ħruġ u l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja, inklużi talbiet u deċiżjonijiet ibbażati fuq strumenti li jagħtu effett lill-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu jistgħu jfittxu assistenza u koordinazzjoni mill-Eurojust permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata.

(9) Sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza u l-konsistenza, huwa importanti li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2018/1727 ikunu kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti skont ir-Regolamenti (UE) 2023/2844 ([3]), (UE) 2023/1543 ([4]) u (UE) 2024/3011 ([5]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif ukoll ma' miżuri futuri ta' diġitalizzazzjoni rilevanti għall-mandat tal-Eurojust biex jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(10) Kwalunkwe komunikazzjoni oħra bejn l-Eurojust u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, bħall-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar ir-riżultati tal-ipproċessar ta' informazzjoni, inkluż l-eżistenza ta' rabtiet ma' każijiet diġà maħżuna fis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2018/1727 meta l-Eurojust tkun qed taġixxi fuq inizjattiva proprja, jew ta' informazzjoni trażmessa lill-Eurojust għall-fini tal-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (j) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li tkun permessa wkoll permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata.

(11) Sabiex jiġi żgurat li dan ir-Regolament iqis il-ħtiġijiet operazzjonali tal-Eurojust, l-Eurojust għiet ikkonsultata f'konformità mal-Artikolu 22a(3) tar-Regolament (UE) 2018/1727.

(12) F'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat, permezz ta' ittra tad-9 ta' Settembru 2019, ix-xewqa tagħha li taċċetta u tkun marbuta bir-Regolament (UE) 2018/1727. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2006 ([6]) ikkonfermat din il-parteċipazzjoni. Ir-Regolament (UE) 2023/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) emenda r-Regolament (UE) 2018/1727 biex jippermetti l-istabbiliment ta' kanali ta' komunikazzjoni diġitali siguri bejn l-Eurojust u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u jipprovdi l-bażi ġuridika għal dan ir-Regolament. F'ċirkostanzi fejn l-Irlanda ma nnotifikatx ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/2131 u ma nnotifikatx ix-xewqa tagħha li taċċetta u tkun marbuta b'dak ir-Regolament, l-Irlanda, f'konformità mal-Artikoli 1, 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21, mhijiex marbuta bir-Regolament (UE) 2023/2131 jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Għalhekk, l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

(13) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1727. Għalhekk id-Danimarka mhijiex marbuta b'dan ir-Regolament jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2023/2844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntieri, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja (ĠU L, 2023/2844, 27.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2844/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2023/1543 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali u għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' kustodja wara proċedimenti kriminali (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 118, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1543/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2024/3011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trasferiment tal-proċedimenti f'materji kriminali (ĠU L, 2024/3011, 18.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3011/oj).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2006 tad-29 ta' Novembru 2019 dwar il-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) (ĠU L 310, 2.12.2019, p. 59, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/2006/oj).

([7]) Ir-Regolament (UE) 2023/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu (ĠU L, 2023/2131, 11.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2131/oj).

(14) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) u ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Ottubru 2025.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat stabbilit bl-Artikolu 22c tar-Regolament (UE) 2018/1727,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Speċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistema tal-IT deċentralizzata

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-miżuri u l-objettivi tas-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fl-Artikolu 22b(1), il-punt (a), (b), (c) u (d), tar-Regolament (UE) 2018/1727 għandhom ikunu kif stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Standards proċedurali diġitali

L-istandards proċedurali diġitali applikabbli għall-komunikazzjoni elettronika permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fl-Artikolu 22a(3) tar-Regolament (UE) 2018/1727 għandhom ikunu kif stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Speċifikazzjonijiet tekniċi għat-trażmissjoni ta' marki tas-swaba' u ritratti

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-format għat-trażmissjoni tal-marki tas-swaba' u tar-ritratti kif imsemmija fl-Artikolu 22a(3) tar-Regolament (UE) 2018/1727 għandhom ikunu kif stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([8]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

ANNESS I

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI, MIŻURI U OBJETTIVI TAS-SISTEMA DEĊENTRALIZZATA TAL-IT

1. **Introduzzjoni u kamp ta' applikazzjoni**

Dan l-Anness jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-miżuri u l-objettivi tas-sistema tal-IT deċentralizzata għall-iskambju ta' informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1727.

In-natura deċentralizzata tas-sistema tal-IT tippermetti li d-*data* tiġi skambjata direttament u b'mod sigur bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Eurojust.

2. **Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

2.1. "Hypertext Transfer Protocol Secure" jew "HTTPS" tfisser komunikazzjoni kriptata u kanali ta' konnessjoni siguri;

2.2. "nonripudju tal-oriġini" tfisser il-miżuri li jipprovdu l-prova tal-integrità u l-prova tal-oriġini tad-*data* permezz ta' metodi bħaċ-ċertifikazzjoni diġitali, l-infrastruttura tal-kjavi pubblika u l-firem elettroniċi u s-siġilli elettroniċi;

2.3. "nonripudju tal-wasla" tfisser il-miżuri li jipprovdu l-prova tal-wasla tad-*data* lill-oriġinatur mir-riċevitur maħsub tad-*data* permezz ta' metodi bħaċ-ċertifikazzjoni diġitali, l-infrastruttura tal-kjavi pubblika, il-firem elettroniċi u s-siġilli elettroniċi;

2.4. "SOAP" (Simple Object Access Protocol, Protokoll ta' Aċċess għal Oġġett Sempliċi) tfisser, f'konformità mal-istandards tal-Konsorzju tal-World Wide Web, speċifikazzjoni ta' protokoll ta' messaġġi għall-iskambju ta' informazzjoni strutturata fl-implimentazzjoni ta' servizzi web f'networks tal-kompjuter;

2.5. "REST" (Representational State Transfer, Trasferiment Rappreżentattiv tal-Istat) tfisser stil arkitettoniku għad-disinn ta' applikazzjonijiet imqabbda ma' network, li jiddependu fuq mudell ta' komunikazzjoni mingħajr stat u bejn il-klijenti u s-server li juża metodi standard biex iwettaq operazzjonijiet fuq ir-riżorsi, li huma tipikament rappreżentati f'formati strutturati;

2.6. "servizz web" tfisser sistema ta' software iddisinjata biex tappoġġja l-interazzjoni interoperabbli bejn magna u oħra fuq network, u li għandha interfaċċja deskritta f'format li jista' jiġi pproċessat minn magna;

2.7. "skambju ta' *data*" tfisser l-iskambju ta' messaġġi u dokumenti permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata;

2.8. "e-CODEX" tfisser is-sistema e-CODEX kif definita fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2022/850;

2.9. "Vokabularji Bażi tal-Ġustizzja Elettronika tal-UE" tfisser il-Vokabularji Bażi tal-Ġustizzja Elettronika tal-UE kif definiti fil-punt 4 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2022/850;

2.10. "ebMS" tirreferi għas-Servizz ta' Messaġġi ebXML, protokoll ta' messaġġi żviluppat skont il-qafas OASIS li jippermetti skambju sigur, affidabbli u interoperabbli ta' dokumenti kummerċjali elettroniċi bl-użu ta' SOAP. Dan jappoġġja l-integrazzjoni minn negozju għal negozju f'diversi sistemi;

2.11. "AS4" tfisser id-Dikjarazzjoni tal-Applikabbiltà 4, standard OASIS li jipprofila lil ebMS 3.0; filwaqt li jissimplifika l-messaġġerija sigura u interoperabbli minn negozju għal negozju billi juża standards miftuħa bħal SOAP u s-Sigurtà WS;

2.12. “L-Objettiv tal-Ħin ta’ Rkupru” jfisser il-ħin massimu aċċettabbli biex jiġi restawrat is-servizz wara inċident;

2.13. “Objettiv tal-Punt tal-Irkupru” tfisser l-ammont massimu aċċettabbli ta’ telf ta’ *data* f’każ ta’ ħsara.

3. **Metodi ta’ komunikazzjoni b’mezzi elettroniċi**

3.1. Is-sistema tal-IT deċentralizzata għandha tuża metodi ta’ komunikazzjoni bbażati fuq is-servizz, bħal servizzi web jew komponenti riutilizzabbli oħra u soluzzjonijiet ta’ software għall-fini ta’ skambju ta’ messaġġi u dokumenti.

3.2. B’mod speċifiku, is-sistema tal-IT deċentralizzata għandha tinvolvi komunikazzjoni permezz ta’ punti ta’ aċċess e-CODEX, kif stabbilit fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2022/850. Għalhekk, biex jiġi żgurat skambju transfruntier effettiv u interoperabbli ta’ data, is-sistema tal-IT deċentralizzata għandha tappoġġa l-komunikazzjoni permezz tas-sistema e-CODEX.

4. **Protokolli ta’ komunikazzjoni**

4.1. Is-sistema tal-IT deċentralizzata għandha tuża protokolli tal-Internet siguri għal:

(a) komunikazzjoni fi ħdan is-sistema tal-IT deċentralizzata bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Eurojust;

(b) komunikazzjoni mal-bażi tad-*data* tal-Awtorità kompetenti/tal-Qorti kif imsemmi fil-punt 7.1.

4.2. Għad-definizzjoni u t-trażmissjoni ta’ *data* u metadata strutturati, il-komponenti tas-sistema tal-IT deċentralizzata għandhom ikunu bbażati fuq standards u protokolli tal-industrija komprensivi u aċċettati b’mod wiesa’, bħal SOAP u REST.

4.3. Għall-Protokolli tat-Trasport u tal-Messaġġerija, is-sistema tal-IT deċentralizzata għandha tkun ibbażata fuq protokolli siguri bbażati fuq standards bħal:

(a) AS4 Profile għall-iskambju transfruntier tad-*data*, li jiżgura messaġġerija sigura u affidabbli bil-kriptaġġ u n-nonripudju;

(b) APIs HTTPS/RESTful għall-komunikazzjoni li tappoġġa l-formati JSON u XML;

(c) SOAP għal interazzjonijiet ta’ affidabbiltà għolja, li jinkorporaw id-WS-Security għall-awtentikazzjoni u l-kriptaġġ.

4.4. Għall-fini ta’ skambju ta’ *data* interoperabbli u bla xkiel, il-protokolli ta’ komunikazzjoni użati mis-sistema tal-IT deċentralizzata għandhom jikkonformaw mal-istandards rilevanti tal-interoperabbiltà.

4.5. Fejn applikabbli, l-iskemi XML għandhom jagħmlu użu minn standards jew vokabularji rilevanti, li huma meħtieġa għall-validazzjoni xierqa tal-elementi u t-tipi definiti f’din l-iskema. Dawk l-istandards jew vokabularji jistgħu jinkludu:

(a) Il-Vokabularju Bażi tal-Ġustizzja elettronika tal-UE;

(b) Tipi ta’ *Data* Mhux Kwalifikati;

(c) Lista ta’ kodiċijiet għall-kodiċijiet lingwistiċi tal-Unjoni Ewropea.

4.6. Għall-protokolli tas-sigurtà u tal-awtentikazzjoni, is-sistema tal-IT deċentralizzata għandha tkun ibbażata fuq protokolli bbażati fuq l-istandards bħal:

(a) TLS (Transport Layer Security, Sigurtà tas-Saff tat-Trasport) għal komunikazzjoni kriptata u awtentikata fuq networks, li tappoġġa l-awtentikazzjoni reċiproka permezz ta’ ċertifikati diġitali X.509;

(b) OAuth/OpenID Connect (OIDC) għall-awtentikazzjoni u l-awtorizzazzjoni siguri;

(c) PKI (Public Key Infrastructure, Infrastruttura tal-Kjavi Pubblika) u firem diġitali għal skambju sigur tal-kjavi u verifika tal-integrità tal-messaġġi, bl-użu ta’ ċertifikati diġitali (X.509) maħruġa minn Awtoritajiet taċ-Ċertifikazzjoni fdati.

5. **Objettivi tas-sigurtà tal-informazzjoni u miżuri tekniċi rilevanti**

5.1. Għall-iskambju ta' informazzjoni permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata, il-miżuri tekniċi biex jiġu żgurati standards minimi tas-sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni għandhom jinkludu s-segwenti:

(a) miżuri biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, inkluż bl-użu ta' kanali siguri ta' komunikazzjoni;

(b) miżuri li jiżguraw l-integrità tad-*data* wieqfa u fi tranżitu;

(c) miżuri li jiżguraw in-nonripudju tal-oriġini tal-mittent ta' informazzjoni fis-sistema tal-IT deċentralizzata u n-nonripudju tal-wasla ta' informazzjoni;

(d) miżuri għall-iżgurar tar-reġistrazzjoni ta' avvenimenti ta' sigurtà f'konformità ma' rakkomandazzjonijiet internazzjonali għal standards tas-sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni ([1]);

(e) miżuri li jiżguraw l-awtentikazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-utent, u miżuri biex tiġi vverifikata l-identità tas-sistemi konnessi mas-sistema tal-IT deċentralizzata.

5.2. Il-komponenti tas-sistema tal-IT deċentralizzata għandhom jiżguraw komunikazzjoni sigura u trażmissjoni tad-*data*, bl-użu ta' kriptaġġ, infrastruttura tal-kjavi pubblika b'ċertifikati diġitali għall-awtentikazzjoni u skambju sigur tal-kjavi, u protokolli ta' messaġġerija sigura bħal AS4 (ebMS), APIs RESTful u SOAP biex jinżammu l-kunfidenzjalità u l-integrità tal-messaġġi.

5.3. Meta t-TLS tintuża fil-kuntest tas-sistema tal-IT deċentralizzata, għandha tintuża l-aħħar verżjoni stabbli tal-protokoll, jew, fin-nuqqas ta' dan, verżjoni mingħajr vulnerabbiltajiet magħrufa tas-sigurtà. Għandhom ikunu permessi biss tulijiet tal-kjavi li jiżguraw livell adegwat ta' sigurtà kriptografika, u ma għandhomx jintużaw settijiet ta' ċifratura magħrufa li mhumiex siguri jew li mhux se jibqgħu jintużaw.

5.4. Sa fejn ikun possibbli, iċ-ċertifikati diġitali tal-PKI użati għall-finijiet tal-operat tas-sistema tal-IT deċentralizzata għandhom jinħarġu mill-Awtoritajiet taċ-Ċertifikazzjoni rikonoxxuti bħala Fornituri Kwalifikati ta' Servizzi Fiduċjarji f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Għandhom jiġu implimentati miżuri biex jiġi żgurat li tali ċertifikati jintużaw biss għall-finijiet maħsuba tagħhom, fil-livell meħtieġ ta' fiduċja, u f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

5.5. Il-komponenti tas-sistema tal-IT deċentralizzata għandhom jiġu żviluppati f'konformità mal-prinċipju tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku, u għandhom jiġu implimentati miżuri amministrattivi, organizzattivi u tekniċi xierqa biex jiġi żgurat livell għoli ta' ċibersigurtà.

5.6. Il-Kummissjoni għandha tfassal, tiżviluppa u żżomm is-software ta' implimentazzjoni ta' referenza f'konformità mar-rekwiżiti u l-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1725. Is-software ta' implimentazzjoni ta' referenza pprovdut mill-Kummissjoni għandu jippermetti lill-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi tagħhom f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u d-Direttiva (UE) 2016/680, kif applikabbli.

([1]) Mingħajr preġudizzju għar-reġistrazzjoni għal finijiet ta' sigurtà, il-mekkaniżmi ta' reġistrazzjoni użati mill-komponenti tas-sistema tal-IT deċentralizzata għandhom, kif xieraq, jippermettu li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u, fejn applikabbli, fl-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/680/oj).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

5.7. L-Istati Membri li jużaw sistema back-end nazzjonali differenti mis-software ta' implimentazzjoni ta' referenza għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistema back-end nazzjonali tagħhom tikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680, kif applikabbli.

5.8. L-Eurojust għandha timplimenta l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li s-sistema back-end tagħha, jew każ tas-software ta' implimentazzjoni ta' referenza li tuża, tikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) 2018/1725 u (UE) 2018/1727.

5.9. L-Istati Membri u l-Eurojust għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi robusti għall-identifikazzjoni tat-theddid u r-rispons għall-inċidenti biex jiżguraw l-identifikazzjoni, il-mitigazzjoni u l-irkupru f'waqthom minn inċidenti ta' sigurtà, f'konformità mal-politiki rilevanti tagħhom, għas-sistemi tal-IT taħt ir-responsabbiltà tagħhom li jiffurmaw parti mis-sistema tal-IT deċentralizzata.

6. **Objettivi minimi ta' disponibbiltà**

6.1. L-Eurojust u l-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa tal-komponenti tas-sistema tal-IT deċentralizzata taħt ir-responsabbiltà tagħhom, b'rata ta' disponibbiltà teknika fil-mira ta' mill-inqas 98 % fuq bażi annwali, eskluża l-manutenzjoni skedata.

6.2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura d-disponibbiltà 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa tal-bażi tad-*data* tal-Qorti, b'rata ta' disponibbiltà teknika fil-mira ta' aktar minn 99 % fuq bażi annwali, eskluża l-manutenzjoni skedata.

6.3. Sa fejn possibbli, matul il-jiem tax-xogħol, l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni għandhom ikunu ppjanati bejn it-20:00 u s-7:00 CET.

6.4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, lill-Eurojust u lill-Istati Membri l-oħra dwar l-attivitajiet ta' manutenzjoni kif ġej:

(a) 5 ijiem tax-xogħol bil-quddiem għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni li jistgħu jikkawżaw perjodu ta'indisponibbiltà ta' sa 4 sigħat;

(b) 10 ijiem tax-xogħol bil-quddiem għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni li jistgħu jikkawżaw perjodu ta' indisponibbiltà ta' bejn 4 u 12-il siegħa;

(c) 30 jum tax-xogħol bil-quddiem għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni li jistgħu jikkawżaw perjodu ta' indisponibbiltà ta' aktar minn 12-il siegħa.

6.5. Meta l-Istati Membri jkollhom twieqi ta' manutenzjoni regolari fissi, huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, lill-Eurojust u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-ħin u l-jum/jiem meta jkunu ppjanati tali twieqi regolari fissi. Permezz ta' deroga mill-obbligi stabbiliti fis-sentenza 1, jekk il-komponenti tas-sistema tal-IT deċentralizzata taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri ma jibqgħux disponibbli matul tali tieqa fissa regolari, huma jistgħu jagħżlu li ma jinnotifikawx lill-Kummissjoni f'kull okkażjoni.

6.6. Fil-każ ta' ħsara teknika mhux mistennija ta' komponent tas-sistema tal-IT deċentralizzata taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-ħsara mingħajr dewmien, u, jekk ikun magħruf, dwar il-perjodu ta' żmien previst għall-irkupru.

6.7. Il-Eurojust għandha tinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar l-attivitajiet ta' manutenzjoni kif ġej:

(a) 5 ijiem tax-xogħol bil-quddiem għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni li jistgħu jikkawżaw perjodu ta' indisponibbiltà ta' sa 4 sigħat;

(b) 10 ijiem tax-xogħol bil-quddiem għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni li jistgħu jikkawżaw perjodu ta' indisponibbiltà ta' bejn 4 u 12-il siegħa;

(c) 30 jum tax-xogħol bil-quddiem għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni li jistgħu jikkawżaw perjodu ta' indisponibbiltà ta' aktar minn 12-il siegħa.

6.8. Meta l-Eurojust jkollha twieqi ta' manutenzjoni regolari fissi, il-Eurojust għandha tinfurma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar il-ħin u l-jum/jiem meta tali jkunu ppjanati twieqi regolari fissi. Permezz ta' deroga mill-obbligi stabbiliti fis-sentenza 1, jekk il-komponenti tas-sistema tal-IT deċentralizzata taħt ir-responsabbiltà tal-Eurojust ma jibqgħux disponibbli matul tali tieqa fissa regolari, il-Eurojust tista' tagħżel li ma tinnotifikax lill-Kummissjoni f'kull okkażjoni.

6.9. Fil-każ ta' ħsara teknika mhux mistennija ta' komponent tas-sistema tal-IT deċentralizzata taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, il-Eurojust għandha tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar il-ħsara mingħajr dewmien, u, jekk ikun magħruf, dwar il-perjodu ta' żmien previst għall-irkupru.

6.10. Fil-każ ta' ħsara teknika mhux mistennija fil-bażi tad-*data* tal-awtoritajiet kompetenti/tal-Qorti, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Eurojust u lill-Istati Membri mingħajr dewmien tal-indisponibbiltà, u jekk ikun magħruf, tal-perjodu ta' żmien previst għall-irkupru.

6.11. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizz, l-Istati Membri u l-Eurojust għandhom jiżguraw li s-servizz jiġi rrestawrat malajr u t-telf tad-*data* jkun minimu, f'konformità mal-Objettiv tal-Ħin ta' Rkupru u l-Objettiv tal-Punt ta' Rkupru.

6.12. L-Istati Membri u l-Eurojust għandhom jimplimentaw miżuri xierqa biex jiksbu l-objettivi ta' disponibbiltà deskritti hawn fuq u jistabbilixxu proċeduri għal rispons effettiv għall-inċidenti.

7. **Bażi tad-*data* tal-awtoritajiet kompetenti/tal-Qorti (Court database, CDB)**

7.1. Skont l-Artikolu 22a tar-Regolament (UE) 2018/1727, is-sistema tal-IT deċentralizzata għandha tippermetti l-komunikazzjoni elettronika bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Eurojust. Meta jitqiesu l-obbligi ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Eurojust skont l-Artikoli 21, 21a u 22, iżda wkoll ir-rwol tal-Eurojust fl-iffaċilitar u l-appoġġ għall-ħruġ u l-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe talba għal assistenza legali reċiproka jew rikonoxximent reċiproku f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2018/1727, l-awtoritajiet kompetenti involuti jeħtieġ li jkunu identifikabbli b'mod ċar meta jużaw is-sistema tal-IT deċentralizzata. Għalhekk, huwa essenzjali li tiġi stabbilita bażi tad-*data* awtorevoli tal-informazzjoni ta' dawk l-awtoritajiet għall-finijiet tas-sistema tal-IT deċentralizzata.

7.2. Is-CDB għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja f'format strutturat:

(a) għall-finijiet tal-Artikolu 8(1), 8(3), 8(4), l-Artikolu 21, l-Artikolu 21a u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2018/1727 informazzjoni dwar l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inklużi l-korrispondenti nazzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament, kif ukoll il-membri nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 7 ([4]) ta' dak ir-Regolament;

(b) fejn rilevanti, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu ddeterminati ż-żoni ġeografiċi jew sostantivi tal-kompetenza tal-awtoritajiet kompetenti, jew kriterji rilevanti oħra meħtieġa biex tiġi stabbilita l-kompetenza tagħhom;

(c) informazzjoni meħtieġa għad-direzzjonar korrett tal-messaġġi tekniċi fi ħdan is-sistema tal-IT deċentralizzata.

7.3. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp, il-manutenzjoni, it-tħaddim u l-appoġġ tas-CDB;

7.4. Is-CDB għandha tippermetti lill-Istati Membri u lill-Eurojust jaġġornaw l-informazzjoni fih, u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-Membri Nazzjonali li jipparteċipaw fis-sistema tal-IT deċentralizzata biex jaċċessaw u jiksbu b'mod programmatiku informazzjoni fiha;

7.5. L-aċċess għas-CDB għandu jkun possibbli permezz ta' protokoll ta' komunikazzjoni komuni, irrispettivament minn jekk l-awtoritajiet kompetenti konnessi mas-sistema tal-IT deċentralizzata joperawx sistema back-end nazzjonali jew użu tas-software ta' implimentazzjoni ta' referenza;

7.6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom fis-CDB kif stabbilit fil-punt 7.2 tkun kompluta, preċiża u aġġornata.

([4]) Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-delega tas-setgħat mill-membru nazzjonali lill-viċi tiegħu, persunal ieħor fl-uffiċċju nazzjonali jew persunal awtorizzat tal-Eurojust.

ANNESS II

STANDARDS PROĊEDURALI DIĠITALI

L-Artikolu 3(9) tar-Regolament (UE) 2022/850 jiddefinixxi l-istandards proċedurali diġitali bħala l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-mudelli tal-proċess tan-negozju u għall-iskemi tad-*data* li jistabbilixxu l-istruttura elettronika tad-*data* skambjata permezz tas-sistema e-CODEX.

Dan l-Anness jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-mudelli tal-proċess tan-negozju u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-iskemi tad-*data*.

1. **Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-mudelli tal-proċess tan-negozju skont ir-Regolament (UE) 2018/1727**

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-mudelli tal-proċess tan-negozju huma stabbiliti fil-punti 1.1 sa 1.5. Dawn jiddefinixxu l-aspetti ewlenin meħtieġa biex jippermettu l-komunikazzjoni elettronika għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/1727 permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata.

Is-sistema tal-IT deċentralizzata għandha tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni biss bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru u l-membru nazzjonali minn dak l-Istat Membru.

1.1. *Skambju ta' informazzjoni relatata mar-Reġistru Ġudizzjarju Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (Counter-Terrorism Register, CTR) l-Artikolu 21a tar-Regolament (UE) 2018/1727*

1.1.1. Trażmissjoni tal-mudell tad-*data* tas-CTR:

L-awtorità nazzjonali kompetenti tittrażmetti *data* dwar proċedimenti terroristiċi għas-CTR lill-membru nazzjonali.

1.1.2. Riċeviment tal-mudell tad-*data* tas-CTR:

Il-membru nazzjonali jirċievi d-*data* tas-CTR.

1.1.3. Talba għal mudell ta' kunsens:

Il-membru nazzjonali jitlob il-kunsens tal-awtorità nazzjonali kompetenti tiegħu.

1.1.4. Riċeviment tal-mudell ta' talba għal kunsens:

L-awtorità nazzjonali kompetenti tirċievi t-talba għal kunsens.

1.1.5. Trażmissjoni tat-tweġiba għall-mudell tat-talba għal kunsens:

L-awtorità nazzjonali kompetenti tibgħat tweġiba għat-talba għal kunsens.

1.1.6. Riċeviment tat-tweġiba għall-mudell tat-talba għal kunsens:

Il-membru nazzjonali jirċievi t-tweġiba għat-talba għal kunsens.

1.1.7. Informazzjoni dwar il-mudell tar-rabta:

Il-membru nazzjonali jinforma lill-awtorità nazzjonali kompetenti dwar ir-rabta ma' każ ieħor.

1.1.8. Aġġornament tal-mudell tad-*data* tas-CTR:

L-awtorità nazzjonali kompetenti tittrażmetti *data* li teħtieġ aġġornament jew tħassir lill-membru nazzjonali rispettiv tagħha.

1.1.9. Riċeviment tal-mudell tad-*data* aġġornat tas-CTR:

Il-membru nazzjonali jirċievi d-*data* tas-CTR li teħtieġ aġġornament jew tħassir.

1.2. *Skambju ta' informazzjoni relatata ma' reati serji, l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2018/1727*

1.2.1. Trażmissjoni ta' mudell tad-*data* dwar il-kriminalità transfruntiera serja:

L-awtorità nazzjonali kompetenti tittrażmetti *data* dwar kriminalità transfruntiera serja lill-Eurojust.

1.2.2. Riċeviment tal-mudell tad-*data* dwar il-kriminalità transfruntiera serja:

Il-membru nazzjonali jirċievi d-*data* dwar il-kriminalità transfruntiera serja.

1.2.3. Talba għal mudell ta' kunsens:

Il-membru nazzjonali jitlob il-kunsens tal-awtorità nazzjonali kompetenti tiegħu.

1.2.4. Riċeviment tal-mudell ta' talba għal kunsens:

L-awtorità nazzjonali kompetenti tirċievi t-talba għal kunsens.

1.2.5. Trażmissjoni tat-tweġiba għall-mudell tat-talba għal kunsens:

L-awtorità nazzjonali kompetenti tibgħat tweġiba għat-talba għal kunsens.

1.2.6. Riċeviment tat-tweġiba għall-mudell tat-talba għal kunsens:

Il-membru nazzjonali jirċievi t-tweġiba għat-talba għal kunsens.

1.2.7. Informazzjoni dwar il-mudell tar-rabta:

Il-membru nazzjonali jinforma lill-awtorità nazzjonali kompetenti dwar ir-rabta ma' każ ieħor.

1.2.8. Aġġornament ta' mudell tad-*data* dwar il-kriminalità transfruntiera serja:

L-awtorità nazzjonali kompetenti tittrażmetti *data* li teħtieġ aġġornament jew tħassir lill-membru nazzjonali rispettiv tagħha.

1.2.9. Riċeviment tal-mudell tad-*data* aġġornat dwar il-kriminalità transfruntiera serja:

Il-membru nazzjonali jirċievi d-*data* dwar il-kriminalità transfruntiera serja li teħtieġ aġġornament jew tħassir.

1.3. *Skambju ta' informazzjoni ġenerali*

1.3.1. Ibgħat il-mudell ta' informazzjoni:

Il-membru nazzjonali jibgħat informazzjoni lill-awtorità nazzjonali kompetenti jew viċi versa.

1.3.2. Riċeviment tal-mudell ta' informazzjoni:

L-awtorità nazzjonali kompetenti jew il-membru nazzjonali jirċievu l-informazzjoni.

1.3.3. Tweġiba għall-mudell ta' informazzjoni:

L-awtorità nazzjonali kompetenti twieġeb għall-informazzjoni riċevuta mill-membru nazzjonali jew viċi versa.

1.3.4. Riċeviment tal-mudell ta' tweġiba:

Il-membru nazzjonali jirċievi t-tweġiba mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

1.3.5. Trażmissjoni tal-mudell ta' informazzjoni:

L-awtorità nazzjonali kompetenti tibgħat informazzjoni lill-membri nazzjonali.

1.3.6. Riċeviment tal-mudell ta' informazzjoni:

Il-membru nazzjonali jirċievi l-informazzjoni.

1.3.7. Tweġiba għall-mudell ta' informazzjoni:

Il-membru nazzjonali jirrispondi għall-informazzjoni riċevuta mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

1.3.8. Riċeviment tal-mudell ta' tweġiba:

L-awtorità nazzjonali kompetenti tirċievi t-tweġiba mill-membru nazzjonali.

1.4. *Faċilitazzjoni u rwol ta' appoġġ Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2018/1727*

Nota: Meta l-mudelli ta' faċilitazzjoni u appoġġ deskritti fil-punt 1.5 jinvolvu l-iskambju ta' forom statutorji stabbiliti mill-atti legali tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, il-mudelli għandhom, fejn disponibbli, jużaw ir-rappreżentazzjonijiet tad-*data* strutturati rilevanti u l-iskemi XML żviluppati għal dawk l-atti, pereżempju dawk stabbiliti għall-finijiet tar-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) 2023/2844 jew strumenti rilevanti oħra.

1.5. *Mudell ta' talba għal faċilitazzjoni jew appoġġ*

1.5.1. Trażmissjoni tal-mudell ta' talba għal faċilitazzjoni jew appoġġ:

L-awtorità nazzjonali kompetenti tibgħat talba għal faċilitazzjoni jew talba għal appoġġ lill-membru nazzjonali rispettiv tagħha.

1.5.2. Mudell ta' talba għar-riċeviment ta' faċilitazzjoni jew appoġġ:

Il-membru nazzjonali jirċievi t-talba għal faċilitazzjoni jew appoġġ u jgħaddiha lill-membru nazzjonali tal-Istat Membru rikjest barra mill-JUDEX.

1.5.3. It-trażmissjoni ta' talba għal faċilitazzjoni jew appoġġ lill-mudell tal-awtorità nazzjonali kompetenti:

Il-membru nazzjonali tal-Istat Membru rikjest jibgħat it-talba lill-awtorità nazzjonali kompetenti rispettiva tiegħu.

1.5.4. Mudell ta' talba għar-riċeviment ta' faċilitazzjoni jew appoġġ:

L-awtorità nazzjonali kompetenti tirċievi t-talba għal faċilitazzjoni jew appoġġ.

1.5.5. Trażmissjoni ta' mudell ta' talba għar-riċeviment ta' faċilitazzjoni jew appoġġ:

L-awtorità nazzjonali kompetenti tibgħat tweġiba jew informazzjoni dwar it-talba lill-membru nazzjonali tal-Istat Membru rikjest.

1.5.6. Riċeviment ta' tweġiba għal mudell ta' talba għal faċilitazzjoni jew appoġġ:

Il-membru nazzjonali jirċievi t-tweġiba jew l-informazzjoni dwar it-talba għal faċilitazzjoni jew appoġġ mill-awtorità nazzjonali kompetenti u jikkondividiha mal-membru nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti barra mill-JUDEX.

1.5.7. Tweġiba għal mudell ta' talba ta' faċilitazzjoni jew appoġġ:

Il-membru nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti jwieġeb jew jikkondividi l-informazzjoni dwar it-talba għal faċilitazzjoni jew appoġġ mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

1.5.8. Riċeviment tal-mudell ta' tweġiba:

L-awtorità nazzjonali kompetenti tirċievi t-tweġiba jew informazzjoni dwar it-talba għal faċilitazzjoni jew appoġġ.

2. **Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-iskemi tad-*data***

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom iservu bħala bażi għall-iżvilupp ta' Definizzjonijiet tal-Iskemi XML (XML Schema Definitions, XSDs) għad-diġitalizzazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1727 huma stabbiliti fil-punti 2.1 u 2.2 ta' dan l-Anness. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet jiddefinixxu l-komponenti ewlenin, u kwalunkwe informazzjoni oħra sabiex tiġi pprovduta deskrizzjoni komprensiva għall-produzzjoni ta' dawn l-iskemi.

Id-deskrizzjoni hija maħsuba biex tkun ġenerika biex tippermetti li l-XSDs prodotti jiġu mmodifikati u estiżi mingħajr il-ħtieġa ta' bidliet sinifikanti għal dawn l-ispeċifikazzjonijiet.

L-ispeċifikazzjonijiet għandhom japplikaw għall-forma statutorja tal-iskemi kif annessi mar-Regolament (UE) 2018/1727, kwalunkwe messaġġ predefinit, jew kwalunkwe messaġġ b'test liberu użat fl-iskambji skont dak ir-Regolament.

2.1. *Kunsiderazzjonijiet ġenerali*

Għall-iskemi kollha li għandhom jiġu pprovduti, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

2.1.1. Verżjonijiet

Għandu jiġi inkluż attribut ta' verżjoni li jiffaċilita l-ġestjoni tal-verżjoni tal-iskema u jippermetti li l-iskema tiġi aġġornata f'iterazzjonijiet futuri skont ir-rekwiżiti tan-negozju. L-attribut tal-verżjoni għandu jindika jekk il-verżjoni l-ġdida hijiex kompatibbli b'lura meta jiġu introdotti karatteristiċi ġodda jew irfinar.

2.1.2. Dikjarazzjoni tal-iskema u metadata

— Fejn applikabbli, l-iskema għandha tagħmel użu minn standards jew vokabularji rilevanti, meħtieġa mill-e-CODEX biex tiġi pprovduta l-interoperabbiltà, li huma meħtieġa għall-validazzjoni xierqa tal-elementi u t-tipi definiti f'din l-iskema. Dan jista' jinkludi:

  — Il-Vokabularju Bażi tal-Ġustizzja elettronika tal-UE

  — Tipi ta' *Data* Mhux Kwalifikati

  — Lista ta' kodiċijiet għall-Kodiċijiet Lingwistiċi tal-Unjoni Ewropea

— Barra minn hekk, fejn applikabbli, l-iskema tista' tinkorpora standards rilevanti tal-ETSI biex tagħmel użu mid-definizzjonijiet tagħhom.

2.1.3. Annotazzjonijiet u Dokumentazzjoni

— **Annotazzjonijiet**: Kull element fl-iskema għandu tipikament ikun akkumpanjat minn annotazzjonijiet. L-annotazzjonijiet jipprovdu informazzjoni li tinqara mill-bniedem dwar l-element, u spiss jiddefinixxu l-iskop jew l-użu tiegħu b'mod ċar u konċiż.

2.1.4. Użu u adattabbiltà

L-iskema għandha ssegwi r-regoli stabbiliti fil-punt (a) sa (d):

(a) **Struttura modulari**: kull taqsima għandha tkun iddisinjata b'funzjonalità speċifika u tista' terġa' tintuża jew tiġi adattata b'mod indipendenti. Dan għandu jagħmel l-iskema faċli biex tiġi personalizzata għal każijiet ta' użu differenti.

(b) **Estendibbiltà**: l-iskema għandha tkun imfassla biex tappoġġa l-inklużjoni ta' elementi jew attributi ġodda jekk tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali fil-futur. Dan għandu jinkiseb bl-użu ta' elementi u sekwenzi fakultattivi li jistgħu jiġu estiżi mingħajr ma jitkissru l-implimentazzjonijiet eżistenti.

(c) **Struttura adattabbli**: l-iskema għandha tkun iddisinjata b'mod li tippermetti ż-żieda jew il-modifika ta' elementi jew tipi ta' *data* kif meħtieġ. L-istruttura tal-iskema għandha takkomoda bidliet fir-rekwiżiti mingħajr il-ħtieġa ta' disinji mill-ġdid maġġuri.

(d) **Elementi fakultattivi:** elementi fi skema jistgħu jiġu mmarkati bħala fakultattivi, jiġifieri jistgħu jiġu inklużi jew jitħallew barra abbażi ta' ċirkostanzi speċifiċi.

L-iskema għandha tkun imfassla biex tappoġġa l-ġbir ta' *data* strutturata għal talbiet speċifiċi.

2.1.5. Modifiki

Id-disinn tal-iskema għandu jkun ikkaratterizzat minn flessibbiltà, modularità u faċilità ta' adattament. It-tipi kumplessi u l-elementi fakultattivi għandhom jiġu inkorporati fid-disinn b'tali mod li jkun jista' jittratta xenarji differenti filwaqt li jibqa' faċli biex jiġi mmodifikat u estiż.

2.2. *Skambju ta's data trutturata*

Id-*data* strutturata msemmija fil-punti 2.2.1 u 2.2.2 għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-Artikolu 22a(3) tar-Regolament (UE) 2018/1727. L-iskema għandha tippermetti wkoll li jiġu indikati settijiet ta' *data* li għandhom jitħassru f'aġġornamenti futuri.

2.2.1. *Data* tar-Reġistru Ġudizzjarju Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li ġejjin għall-iskema tad-*data* jistabbilixxu qafas strutturat għall-ħolqien tal-iskema fil-format XML.

(a) Sezzjoni tal-ogħla livell

Din it-taqsima tal-ogħla livell tikkorrispondi għall-informazzjoni stabbilita fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/1727 informazzjoni għar-Reġistru Ġudizzjarju Ewropew Kontra t-Terroriżmu (Counter-Terrorism Register, CTR).

(b) Struttura tal-messaġġ

L-istruttura tad-*data* tas-CTR għandha tikkonsisti f'sekwenza ta' elementi u tinkludi dan li ġej bħala minimu:

(i) informazzjoni għall-identifikazzjoni ta' persuni fiżiċi:

— il-kunjom (l-isem tal-familja);

— l-ismijiet (ismijiet mogħtija);

— kwalunkwe psewdonimu;

— id-data tat-twelid;

— il-post tat-twelid (belt u pajjiż);

— in-nazzjonalità jew in-nazzjonalitajiet;

— dokument ta' identifikazzjoni (tip u numru tad-dokument);

— il-ġeneru;

— il-post ta' residenza;

(ii) informazzjoni għall-identifikazzjoni ta' persuni ġuridiċi:

— l-isem tan-negozju;

— forma ġuridika;

— il-post tal-uffiċċju prinċipali;

(iii) informazzjoni għall-identifikazzjoni kemm ta' persuni fiżiċi u kif ukoll ġurdiċi:

— in-numri tat-telefon;

— l-indirizzi tal-email;

— id-dettalji tal-kontijiet miżmuma f'banek jew f'istituzzjonijiet finanzjarji oħra;

— l-istatus fil-proċedimenti;

(iv) informazzjoni dwar ir-reat:

— informazzjoni dwar persuni ġuridiċi involuti fit-tħejjija jew fit-twettiq ta' reat terroristiku;

— kwalifika legali tar-reat skont il-liġi nazzjonali;

— il-forma applikabbli ta' reat serju mil-lista msemmija fl-Anness I;

— kwalunkwe affiljazzjoni ma' grupp terroristiku;

— it-tip ta' terroriżmu, pereżempju ġihadista, separatist, tax-xellug jew tal-lemin;

— sommarju qasir tal-każ;

(v) informazzjoni dwar il-proċedimenti nazzjonali:

— l-istatus ta' tali proċedimenti;

— l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku responsabbli;

— in-numru tal-każ;

— id-data tal-ftuħ tal-proċedimenti ġudizzjarji formali;

— rabtiet ma' każijiet rilevanti oħra;

(vi) qasam ta' informazzjoni addizzjonali (test liberu);

(vii) kodiċi ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

2.2.2. *Data* trażmessa f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2018/1727

(a) L-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE) 2018/1727, l-istabbiliment ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta ("SIK")

(i) Sezzjoni tal-ogħla livell
Din is-sezzjoni tal-ogħla livell tikkorrispondi għall-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE) 2018/1727, informazzjoni dwar l-istabbiliment tal-SIK.

(ii) Struttura tal-messaġġ
L-istruttura tad-*data* għandha tikkonsisti f'sekwenza ta' elementi u tinkludi dan li ġej bħala minimu:

— Awtorità ġudizzjarja nazzjonali inkarigata mill-proċedimenti kriminali

— Numru ta' referenza nazzjonali tal-proċedimenti kriminali

— Status tal-proċedimenti kriminali

— Reati kriminali investigati

— Pajjiżi oħra involuti fil-każ

— Każ diġà appoġġat mill-Eurojust?

— Jekk iva, ID tal-każ tal-Eurojust?

— Jekk le, din hija talba għal appoġġ?

— Każ appoġġat mill-Europol?

— Jekk iva, task force operazzjonali (operational task force, "OTF") u/jew Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (Secure Information Exchange Network Application, "SIENA")?

— Ftehim dwar is-SIK:

— Pajjiżi involuti

— Partijiet tas-SIK (awtoritajiet nazzjonali inkarigati mill-investigazzjonijiet)

— Numru ta' referenza nazzjonali tal-proċedimenti kriminali koperti mis-SIK

— Data tal-iffirmar

— Durata

— Reati kriminali investigati

— Sommarju qasir tal-każ

— Suspettati prinċipali fil-proċedimenti kriminali koperti mis-SIK (isem, kunjom, data u post tat-twelid u possibbilment kategoriji rilevanti u meħtieġa oħra ta' *data* skont l-Anness II)

— Riżultati tal-ħidma tas-SIK:

— Diffikultajiet/dewmien:

— fit-twaqqif tas-SIK

— fit-talba/fil-kondiviżjoni tal-evidenza fi ħdan is-SIK

— fil-qbil dwar/fl-implimentazzjoni ta' strateġija komuni ta' prosekuzzjoni

— fl-ammissibbiltà/inammissibbiltà/evalwazzjoni tal-evidenza tas-SIK fi proċedimenti nazzjonali

— fl-eżitu tal-proċedimenti ġudizzjarji (prosekuzzjonijiet u kundanni/liberazzjonijiet li rnexxew/li ma rnexxewx)

(iii) Kodiċi ta' awtorizzazzjoni minn qabel

(b) L-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE) 2018/1727, każijiet kumplessi serji

(i) Sezzjoni tal-ogħla livell

Din is-sezzjoni tal-ogħla livell tikkorrispondi għall-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 21(5) tar-Regolament dwar l-Eurojust, jiġifieri każijiet kumplessi serji.

(ii) Struttura tal-messaġġ

L-istruttura tad-*data* għandha tikkonsisti f'sekwenza ta' elementi u tinkludi dan li ġej bħala minimu:

— Awtorità ġudizzjarja nazzjonali inkarigata mill-proċedimenti kriminali

— Numru ta' referenza nazzjonali tal-proċedimenti kriminali

— Status tal-proċedimenti kriminali

— Reati kriminali investigati

— Pajjiżi oħra involuti fil-każ

— Każ diġà appoġġat mill-Eurojust?

— Jekk iva, ID tal-każ tal-Eurojust?

— Jekk le, din hija talba għal appoġġ?

— Każ appoġġat mill-Europol?

— Jekk iva, task force operazzjonali u/jew SIENA?

— Forma applikabbli ta' kriminalità serja

— Involviment ta' network ta' kriminalità organizzata

— Tip tal-mafja

— Network ta' Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali

— Riperkussjonijiet fil-livell tal-UE

— Suspettati prinċipali fil-proċedimenti kriminali (isem, kunjom, data u post tat-twelid u possibbilment kategoriji rilevanti u meħtieġa oħra ta' *data* skont l-Anness II)

— Sommarju qasir tal-każ

— Pajjiżi oħra involuti

— Pajjiżi li l-kooperazzjoni magħhom diġà bdiet

— Awtoritajiet kompetenti involuti f'pajjiż ieħor

— Strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja użati

— Għadd ta' talbiet mibgħuta/riċevuti

— Eżistenza ta' investigazzjonijiet marbuta

— Pajjiżi li l-kooperazzjoni magħhom għandha tiġi attivata/pajjiżi possibbilment milquta

— Tip ta' kooperazzjoni meħtieġa (bħal estradizzjoni, ġbir ta' evidenza, kooperazzjoni oħra)

— Eżistenza ta' investigazzjonijiet marbuta

(iii) Kodiċi ta' awtorizzazzjoni minn qabel

(c) L-Artikolu 21(6), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2018/1727, kunflitti ta' ġuriżdizzjoni

(i) Sezzjoni tal-ogħla livell

Din is-sezzjoni tal-ogħla livell tikkorrispondi għall-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 21(6), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2018/1727, jiġifieri kunflitti ta' ġuriżdizzjoni.

(ii) Struttura tal-messaġġ

L-istruttura tad-*data* għandha tikkonsisti f'sekwenza ta' elementi u tinkludi dan li ġej bħala minimu:

— Awtorità ġudizzjarja nazzjonali inkarigata mill-proċedimenti kriminali

— Numru ta' referenza nazzjonali tal-proċedimenti kriminali

— Status tal-proċedimenti kriminali (eż. investigazzjoni, prosekuzzjoni, proċess)

— Reati kriminali investigati

— Pajjiżi oħra involuti fil-każ

— Każ diġà appoġġat mill-Eurojust?

— Jekk iva, ID tal-każ tal-Eurojust?

— Jekk le, din hija talba għal appoġġ?

— Każ appoġġat mill-Europol?

— Jekk iva, task force operazzjonali u/jew SIENA?

— Pajjiżi oħra involuti

— Awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-pajjiż l-ieħor, jekk ikunu magħrufa

— Numru ta' referenza nazzjonali ta' proċedimenti kriminali f'pajjiż ieħor

— Stadju tal-proċedimenti f'pajjiż ieħor, jekk magħruf

— Kunflitt pożittiv jew negattiv

— Kunflitt effettiv jew potenzjali

— Attivitajiet ta' koordinazzjoni diġà mwettqa (eż. konsultazzjonijiet skont id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI ([1]))

— Sommarju qasir tal-każ

— Suspettati prinċipali komuni (isem, kunjom, data u post tat-twelid u possibbilment kategoriji rilevanti u meħtieġa oħra ta' *data* skont l-Anness II)

(iii) Kodiċi ta' awtorizzazzjoni minn qabel

(d) L-Artikolu 21(6), il-punt (b), konsenji kkontrollati

(i) Sezzjoni tal-ogħla livell

Din is-sezzjoni tal-ogħla livell tikkorrispondi għall-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 21(6), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2018/1727: konsenji kkontrollati.

(ii) Struttura tal-messaġġ

L-istruttura għad-*data* għandha tikkonsisti f'sekwenza ta' elementi u tinkludi dan li ġej bħala minimu:

— Awtorità ġudizzjarja nazzjonali inkarigata mill-proċedimenti kriminali

— Numru ta' referenza nazzjonali tal-proċedimenti kriminali

— Status tal-proċedimenti kriminali (eż. investigazzjoni, prosekuzzjoni, proċess)

— Reati kriminali investigati

— Pajjiżi oħra involuti fil-każ

— Każ diġà appoġġat mill-Eurojust?

— Jekk iva, ID tal-każ tal-Eurojust?

— Jekk le, din hija talba għal appoġġ?

— Każ appoġġat mill-Europol?

— Jekk iva, task force operazzjonali u/jew SIENA?

— Pajjiżi oħra involuti

— Pajjiż ta' Oriġini/Tranżitu/Destinazzjoni

— Awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'pajjiżi oħra

— Eżistenza ta' investigazzjonijiet marbuta f'pajjiżi oħra

([1]) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċiżżju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2009/948/oj).

— Tip ta' oġġetti kkonsenjati (eż. drogi u tip/flus/armi/sigaretti/oħrajn)

— Status tal-konsenja kkontrollata (eż. ippjanata, għaddejja, lesta)

— Eżitu tal-konsenja kkontrollata, jekk tkun diġà ġiet eżegwita

— Strument ta' kooperazzjoni ġudizzjarju użat

— Suspettati prinċipali komuni (isem, kunjom, data u post tat-twelid u possibbilment kategoriji rilevanti u meħtieġa oħra ta' *data* skont l-Anness II)

(iii) Kodiċi ta' awtorizzazzjoni minn qabel

(e) L-Artikolu 21(6), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2018/1727, kwistjonijiet ripetuti bi strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja

(i) Sezzjoni tal-ogħla livell

Din is-sezzjoni tal-ogħla livell tikkorrispondi għall-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 21(6), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2018/1727: kwistjonijiet ripetuti bi strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja.

(ii) Struttura tal-messaġġ

L-istruttura tad-*data* għandha tikkonsisti f'sekwenza ta' elementi u tinkludi dan li ġej bħala minimu:

— Awtorità ġudizzjarja nazzjonali inkarigata mill-proċedimenti kriminali

— Numru ta' referenza nazzjonali tal-proċedimenti kriminali

— Status tal-proċedimenti kriminali (eż. investigazzjoni, prosekuzzjoni, proċess)

— Reati kriminali investigati

— Pajjiżi oħra involuti fil-każ

— Każ diġà appoġġat mill-Eurojust?

— Jekk iva, ID tal-każ tal-Eurojust?

— Jekk le, din hija talba għal appoġġ?

— Każ appoġġat mill-Europol?

— Jekk iva, task force operazzjonali u/jew SIENA?

— Pajjiżi oħra involuti

— Awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jekk ikunu magħrufa

— Li jaġixxu bħala awtorità emittenti jew ta' eżekuzzjoni

— Strument ta' kooperazzjoni ġudizzjarja involut (eż. MAE, OIE, iffriżar u konfiska)

— Talba speċifika kkonċernata (jiġifieri liema miżura investigattiva, x'tip ta' ffriżar, MAE għall-eżekuzzjoni tas-sentenza jew għall-prosekuzzjoni)

— Rifjut jew diffikultà ripetuta

— F'każ ta' rifjut, x'raġuni speċifika ġiet invokata?

— Deskrizzjoni qasira tal-kwistjoni

— Awtoritajiet nazzjonali oħra milquta mill-istess kwistjoni, jekk ikun hemm

(iii) Kodiċi ta' awtorizzazzjoni minn qabel

2.3. *Kodiċijiet ta' awtorizzazzjoni minn qabel*

Meta jikkondividu d-*data* mal-Eurojust permezz tal-JUDEX, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jindikaw permezz ta' kodiċijiet ta' awtorizzazzjoni minn qabel it-trattament, l-aċċess u t-trasferiment ulterjuri tad-*data* wara l-identifikazzjoni ta' rabta. Il-kodiċijiet ta' awtorizzazzjoni minn qabel għandhom jindikaw jekk u sa liema punt l-informazzjoni relatata mar-rabta tista' tiġi kondiviża ma' awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra, ma' aġenziji u korpi oħra tal-Unjoni, ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

2.4. *Messaġġi predefiniti*

Il-messaġġi predefiniti huma rappreżentazzjonijiet ta' skambji stabbiliti bir-Regolament (UE) 2018/1727, iżda li ma ġiet ipprovduta l-ebda forma speċifika għalihom fl-att legali. It-tipi u n-numru tagħhom jiġu stabbiliti matul l-analiżi tan-negozju u dik teknika.

Id-Definizzjonijiet tal-Iskema XLM (XLM Schema Definitions, XSD) għal messaġġi predefiniti għandhom jitfasslu biex jiżguraw il-konsistenza, l-istruttura u l-konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju.

Dan li ġej għandu japplika għal dawk l-iskemi.

(a) is-Sezzjoni tal-Ogħla Livell f'din l-iskema għandha tissemma skont it-tip ta' messaġġ speċifiku li jkun qed jiġi definit;

(b) l-oqsma meħtieġa għat-tip ta' messaġġ speċifiku għandhom jiżdiedu u jiġu definiti f'din l-istruttura, filwaqt li tiġi żgurata rappreżentazzjoni xierqa tal-elementi tad-*data*.

2.5. *Messaġġi b'test liberu*

Il-messaġġi b'test liberu huma rappreżentazzjonijiet ta' skambji li jippermettu kontenut mhux strutturat jew parzjalment strutturat, li jippermetti flessibbiltà filwaqt li xorta jaderixxi mar-rekwiżiti regolatorji u tan-negozju. L-XSD għall-messaġġi b'test liberu għandu jkun iddisinjat biex jiżgura l-konsistenza u l-ifformattjar xieraq.

Dan li ġej għandu japplika għal dawk l-iskemi.

(a) Is-Sezzjoni tal-Ogħla Livell fl-iskema għandha tissemma skont it-tip ta' messaġġ b'test liberu speċifiku li jkun qed jiġi definit;

(b) l-iskema għandha tiddefinixxi l-istruttura meħtieġa għall-messaġġ b'test liberu filwaqt li tippermetti ordni xierqa tal-elementi kif meħtieġ;

(c) l-oqsma meħtieġa għat-tip ta' messaġġ b'test liberu speċifiku għandhom jiżdiedu u jiġu definiti f'din l-istruttura, filwaqt li tiġi żgurata rappreżentazzjoni xierqa tal-element tad-*data*.

ANNESS III

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI TAL-MARKI TAS-SWABA' U R-RITRATTI

Il-messaġġi skambjati permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata jistgħu jkunu akkumpanjati minn hemżiet, inkluż minn fajls tal-Istitut Nazzjonali tal-Istandards u t-Teknoloġija (National Institute of Standards and Technology, "NIST") li jkun fihom marki tas-swaba' u ritratti, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fil-punti 1 u 2.

1. **Marki tas-swaba'**

Il-marki tas-swaba' li jistgħu jiġu kondiviżi mal-Eurojust għall-fini li jiġu identifikati b'mod affidabbli individwi soġġetti għal proċedimenti kriminali relatati ma' reati terroristiċi, għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-marki tas-swaba' jkunu pprovduti f'fajl wieħed li jkun fih immaġnijiet diġitali tal-marki tas-swaba' (il-fajl NIST tal-marki tas-swaba') u jiġu ppreżentati skont l-istandard ANSI/NIST-ITL 1-2011 ta' Aġġornament 2015 (jew verżjoni aktar ġdida);

(b) il-fajl tal-marki tas-swaba' NIST jikkonsisti f'massimu ta' 10 marki tas-swaba' individwali: irrolljati, ċatti, jew it-tnejn li huma;

(c) il-marki tas-swaba' kollha jkunu ttikkettjati;

(d) il-marki tas-swaba' jinqabdu permezz ta' skennijiet diretti jew bil-linka fuq il-karta, dment li l-marki tas-swaba' bil-linka fuq il-karta jkunu ġew skennjati fir-riżoluzzjoni meħtieġa u bl-istess kwalità;

(e) il-fajl NIST tal-marki tas-swaba' jippermetti l-inklużjoni ta' informazzjoni komplementari bħall-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni tal-marki tas-swaba' u l-metodu użat biex jinkisbu immaġnijiet individwali tal-marki tas-swaba';

(f) il-marki tas-swaba' għandhom riżoluzzjoni nominali ta' 500 jew 1 000 ppi [1] (b'devjazzjoni aċċettabbli ta' +/– 10 ppi) b'256 livell griż;

(g) l-algoritmu ta' kompressjoni tal-marki tas-swaba' li għandu jintuża jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Istitut Nazzjonali tal-Istandards u t-Teknoloġija ("NIST"). Id-*data* tal-marki tas-swaba' b'riżoluzzjoni ta' 500 ppi tiġi kkompressata bl-użu tal-algoritmu WSQ (ISO/IEC 19794-5: 2005). Id-*data* tal-marki tas-swaba' b'riżoluzzjoni ta' 1 000 ppi tiġi kkompressata bl-użu tal-istandard tal-kompressjoni tal-immaġni JPEG 2000 (ISO/IEC 15444-1) u s-sistema ta' kodifikazzjoni. Il-proporzjon tal-kompressjoni fil-mira huwa 15:1.

2. **Ritratti**

Ir-ritratti li jistgħu jiġu kondiviżi mal-Eurojust għall-fini li jiġu identifikati b'mod affidabbli individwi soġġetti għal proċedimenti kriminali relatati ma' reati terroristiċi, għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) immaġni waħda tal-wiċċ biss tiġi pprovduta f'fajl tar-ritratti (il-fajl NIST tar-ritratti) u din tiġi sottomessa f'konformità mal-istandard ANSI/NIST-ITL 1-2011 Aġġornament 2015, jew xi verżjoni aktar ġdida;

(b) ir-ritratti jkunu fuq skala griża, kulur jew kważi infraħomor;

(c) il-kwalità tar-ritratti tkun ibbażata fuq ir-rekwiżiti tal-immaġni ta' ISO/IEC 19794-5:2011 Tip ta' immaġni frontali, jew xi verżjoni aktar ġdida disponibbli;

(d) il-fajl NIST tar-ritratti jippermetti l-inklużjoni ta' informazzjoni komplementari, inkluża d-data meta ttieħdet l-immaġni;

[1] Pixels għal kull pulzier.

(e) ir-ritratti, fil-modalità ta' ritratt, ikunu b'riżoluzzjoni massima ta' 600 pixel bi 800 pixel u riżoluzzjoni massima ta' 1 200 pixel b'1 600 pixel;

(f) il-wiċċ ikun jokkupa spazju fir-ritratt li jiżgura minimu ta' 120 pixel bejn iċ-ċentru ta' kull għajn;

(g) l-algoritmu tal-kompressjoni tar-ritratti li jintuża jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Istitut Nazzjonali tal-Istandards u t-Teknoloġija ("NIST"). Ir-ritratti jiġu kkompressati darba biss bl-istandard ta' kompressjoni u s-sistema ta' kodifikazzjoni JPG (ISO/IEC 10918) jew JPEG 2000 (ISO/IEC 15444), fi proporzjon massimu ta' kompressjoni permess tal-immaġni ta' 20:1.